NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

100 HARĠA

RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX

Jannar – Frar 1998

Nru. 100

# MESSAĠĠ MILL-ARĊIPRIET IL-ĠDID DUN ĠUŻEPP FARRUGIA



Nhar il-Milied li għadda, fl-omelija tiegħu tas-solennita' u mill-ġdid fl-Aħħar tas-Sena, Mons Isqof Nikol Cauchi ħeġġeġ lill-komunita' nisranija miġbura madwaru fil-Bażilika ta' San Ġorġ biex titlob ħalli jkollha ***"ragħaj spiritwali skond il-qalb t'Alla"***. Jien kont hemm u flimkien ma' l-insara preżenti tlabt skond il-ħsieb ta' Mons Isqof. U kien dan l-ewwel ħsieb li feġġ quddiem għajnejja meta, ftit jiem wara, l-istess Mons Isqof għarrafni li, wara li kien sema' l-fehmiet tas-saċerdoti tal-Parroċċa u ta' għadd ta' lajċi mpenjati, kienet ix-xewqa tiegħu li jiena nieħu t-tmexxija tal-Komunita' Parrokkjali ta' San Ġorġ bħala l-Arcipriet tagħha.

***"Ragħaj spiritwali skond il-qalb t'Alla"*** - dan hu li nixtieq inkun għalikom kollha li tiffurmaw il-Komunita' Parrokkjali ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria. Hu fid-dawl ta' din ix-xewqa li jiena ser naghti ruħi - għalikom li diġa nafkom personalment jew li għadni rrid nitgħallem isimkom, għalikom

*ikompli f'paġna 3*

## GRAZZI DUN SALV...



Il-Bord Editorjali, flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru u l-Komunita' Parrokkjali kollha, jixtieq irodd ħajr lil Mons Salv Borg għall-ħidma li huwa wettaq mill-1986 'l hawn meta kien l-Arċipriet tal-Parroċċa tagħna. L-umilta', il-bżulija u l-għaqal li wera Dun Salv, f'dawn l-aħħar ħdax-il sena li matulhom kellu f'idejh il-kura ta' l-erwieħ, kienu apprezzati minn kulħadd. F'mumenti diffiċli Dun Salv għaraf iżomm il-kalma u dejjem offra l-id tal-ħbiberija lil kull min resaq lejh. Dun Salv wera mħabba kbira lejn il-parroċċa tagħna u dan jixduh ix-xogħlijiet kollha li saru kemm dam Arċipriet, fosthom ir-restawr tal-Kwadru ta' l-Erwieħ, ir-restawr fl-Orgni, restawr fuq l-istatwi ta' San Ġorġ, tal-Kuċifiss u ta' San Mikiel, il-bini ta' kampnar ġdid, żewġ statwi fil-faċċata tal-Bażilika, id-dekorazzjoni tal-bradella ta' San Ġorġ u oħrajn.

Iżda kienet il-preżenza kontinwa tiegħu li għenet bil-bosta biex il-ħidma pastorali li wettaq tħalli frott mixtieq. L-omeliji, il-priedki, is-siegħat twal ta' qrar, il-ħidma tiegħu fost it-tfal; kollha huma xiehda ta' l-impenn serju li kellu matul dawn is-snin. J'Alla Dun Salv jibqa' joffri l-għajnuna tiegħu, kif aħna ċerti li ser jagħmel, u minn qalbna nawgurawlu u nirringrazzjawh ta' dak kollu li għamel għall-parroċċa tagħna

IL-BELT VICTORIA
*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*
*Uffiċċju Editorjali:*
CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.
Tel / Fax : 55 63 77

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA` PARROKKJALI

06.12.97 : MICHELA, bint Maurice Camilleri u Giorgina nee' Farrugia
11.12.97 : GEORGE, iben Joseph Cutajar u Giorgina nee' Cassar
12.12.97 : KIMBERLY, bint Vincent Debrincat u Sylvana nee' Said
14.12.97 : NAOMI, bint Joseph Galea M.D. u Frances need Said
14.12.97 : SARAH, bint John Abela u Pauline nee' Grech
30.12.97 : RUDOLF, iben Joseph Camilleri u Cettina nee' Buttigieg
11.01.98 : JAKOB, iben Ignatius Attard u Mary Grace nee' Grech.

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

***29.11.97 :***
Brian Azzopardi (Gharb) + Stefania Farrugia (Victoria)
***06.12.97 :***
Francis Cauchi (Gharb) + Joanne Mejlak (Victoria)
***21.12.97 :***
Michael Mercieca (Victoria) + Mary Rose Cordina (Victoria)
***18.12.97 :***
M'Angelo Azzopardi (Xaghra) + Beatrix M. Johnson (Canada)
***28.12.97 :***
Terry Wallace Hemme (USA) + Liliana Cassar (Victoria)

## MARRU JINGĦAQDU MA` KRISTU RXUXTAT

11.12.97 : Carmelo Grech
15.12.97 : Antonietta Zammit
08.01.98 : Tarcisja Sillato




### DONAZZJONIJIET B'RISQ IR- RIVISTA

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Galea (Nadur) | - | Lm2 |
| Emanuel u Doris Attard (Awstralja) | - | $20 |
| Dolores Scicluna (Malta) | - | Lm2 |
| Anthony Mercieca (Canada) | - | $20 |
| N.N. | - | Lm5 |
| Rev. Anthony Mercieca (USA) | - | $20 |
| Sam Galea (USA) | - | $25 |

*Editorjal. . .*

# ARĊIPRIET ĠDID

Nhar il-Ġimgħa 2 ta' Jannar 1998 Mons Isqof innomina lir-**Rev. Dr. Ġużeppi Farrugia** bħala Arċipriet tal-Parroċċa tagħna, wara li xi ġimgħat qabel kien irreżenja Mons Salv Borg li kien ilu Arċipriet mill-1986.

Bidla fit-tmexxija dejjem iġġib magħha ċerta ansjeta' u tamiet. Għall-grazzja t'Alla l-għażla ta' Arċipriet saret fil-kalma u aħna ntennu li saret ukoll fl-aħjar interess tal-komunita' parrokkjali tagħna. Il-Kapitlu, Kleru u l-membri kollha tal-komunita' laqgħu bil-ferħ in-nomina ta' Dun Ġużepp bħala Arċipriet, filwaqt li kollha kemm aħna irringrazzjajna lil Mons Salv Borg għall-ħidma tiegħu bħala Arċipriet mill-1986 sa llum.

Maħbub u rrispettat minn kulħadd, Dun Salv ħadem u stinka biex kompla jmexxi 'l quddiem il-parroċċa tagħna f'kull qasam u aħna konvinti li għalkemm mhux ser jibqa' responsabbli tal-kura ta' l-erwieħ tal-komunita' tagħna żgur li ser jibqa' jagħti sehemu għall-ġid tal-parroċċa għażiża tagħna.

Għalhekk filwaqt li minn qalbna nirringrazzjaw lil Dun Salv, nifirħu lil Dun Ġużepp Farrugia u minn qalbna wkoll nawgurawlu snin twal ta' ħidma b'risq il-komunita' parrokkjali tagħna. Ix-xogħol li daħal għalih Dun Ġużepp mhux faċli. Il-kariga li aċċetta ġġor magħha responsabiltajiet kbar. Il-kura ta' l-erwieħ, f'soċjeta' moderna, fil-qalba tal-Belt Victoria, hija sfida għal min ikun responsabbli tagħha. Aħna konvinti li bil-għajnuna t'Alla u ta' San Ġorġ, il-Patrun ta' Beltna u ta' Gżiritna, Dun Ġużepp jagħraf imexxi l-komunita' parrokkjali fdata f'idejh b'għaqal kbir.

Il-Bord Editorjali iwiegħed kull għajnuna lill-Arċipriet il-ġdid u aħna konvinti li kull membru tal-komunita' parrokkjali ser ukoll joffri l-għajnuna tiegħu lill-Arċipriet il-ġdid kull meta din tintalab. Il-ħidma ta' l-Arċipriet il-ġdid żgur li ma jkolliex suċċess jekk ma jkolliex il-koperazzjoni sħiħa tagħna.

Mill-ġdid inroddu ħajr lil Mons Salv Borg, Arċipriet Emeritus, u nawguraw minn qalbna snin ta' ħidma fejjieda b'risq il-Komunita' Ġorġjana tal-Belt Victoria lill-Arċipriet il-ġdid.

## *Messaġġ mill-Arcipriet il-Ġdid*

*jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

li toqgħodu fi djarkom qaqoċċa madwar il-knisja parrokkjali jew li toqgħodu daqsxejn aktar 'il bogħod fil-periferiji tat-territorju parrokkjali ċkejken tagħha, għalikom li tinsabu morda fi djarkom, forsi wkoll f'qiegħ ta' sodda, sofferenti jekk mhux ukoll abbandunati, għalikom li l-enerġija ta' żgħożitkom tagħmilkom bħar-riħ li jisfida kull irbit u jisfronda kull mogħdija u li tistennew u tixtiequ komprensjoni u spazju biex tkunu dak li tixtiequ tkunu intom, għalikom it-tfal li tħobbu tifirħu u tilagħbu ma' xulxin u tistennew bi dritt li tikbru fi ħdan familja li tħobbkom, għalikom il-miżżewġin li, minkejja d-diffikultajiet li ma jonqsu qatt, tinsabu kuntenti b'xulxin jew, kif qed jiġri f'ħafna djar, qed tgħixu żmien ta' nkwiet, niket u qtiegħ il-qalb. Għalikom ilkoll jiena, flimkien mal-kollaboraturi tiegħi, kemm saċerdoti kif ukoll lajċi mpenjati fl-apostolat, nixtieq inkun qaddej fuq l-eżempju ta' Ġesu' u miegħu li "ma ġiex biex ikun moqdi imma biex jagħti ħajtu" għal dawk li jħobb (Mk. 10, 43-45).

Jien ghadni rrid niskopri xi tfisser "tkun Arċipriet". Tabilħaqq kont ħafna qrib iż-żewġ arċiprieti ta' qabli, Mons Salv Borg għal dawn l-aħħar 12-il sena u Mons Emanuel Mercieca tul l-10 snin li għamel qablu. Għixt qrib tagħhom, flimkien ma' saċerdoti oħra ħdimt magħhom, u tgħallimt ħafna mingħandhom. Naf ukoll fi tfuliti bħala abbati u f'żgħożiti bħala seminarista, lil Mons Mikiel Cefai li għamel mal-31 sena jmexxi l-Parroċċa ta' San Ġorġ u minn tiegħu niftakar il-prudenza imma fl-istess waqt id-deċiżjoni, is-serjeta' fiċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija u l-importanza tal-predikazzjoni mħejjija tajjeb. Din l-esperjenza u dawn it-tifkiriet ta' l-arċiprieti li semmejt, kif ukoll it-tagħrif li akkwistajt minn dak li smajt jew qrajt fuq saċerdoti, arċiprieti u kappillani li m'għadhomx magħna, fosthom, (ma nistax ma nsemmihomx) l-Arċipriet Mons Alfons Marija Hili (bniedem ta' karita' kbira) u Mons Dekan Gużeppi Farrugia (bniedem ta' kapaċitajiet kbar u għerf), żgur li se nsibhom fil-ħidma ġdida li qed nagħti bidu għaliha u ser jgħinuni - flimkien mat-talb tagħom u tagħkom - biex nitgħallem inkun dak li ġejt imsejjaħ biex inkun.

Naturalment, żmienna m'għadux l-istess bħal żmenijiet l-Arċipriet Cefai u l-Arċipriet Hili. Wisq u wisq inqas jixbah iż-żmenijiet tal-kappillani ta' qabilhom. Madankollu l-ispirtu pastorali tagħhom, li huma rċevew minn Kristu, ir-Ragħaj ta' dejjem, jibqa' l-istess. Wieħed ma' tagħhom hu għalhekk ir-raġġ ta' ispirazzjoni li se jmexxini fl-imġiba tiegħi quddiem l-sfidi umani u soċjali ta' żmienna.

L-isfidi umani sostanzjalment ma jimbidlux. Il-bżonnijiet umani u spiritwali tal-bniedem tal-lum huma l-istess bħal dawk ta' l-irġiel u n-nisa, l-anzjani, iż-żgħażagħ u t-tfal li fettxew lil Ġesu' elfejn sena ilu u sabu fih għajnuna, dinjita' u faraġ. Huma l-istess bħal dawk ta' l-antenati tagħna li fi żmenijiet imbiegħda bnew tempji pagani biex ifittxu l-kenn ta' "alla mhux magħruf" u bħal dawk ta' ħutna li għad jiġu warajna matul il-millenju li dieħel u warajh.

L-isfidi soċjali, imma, jimbidlu kontinwament u sewwasew f'dan tidher il-karatteristika ewlenija ta' żmienna. Is-soċjeta' tagħna, waqt li tibqa' dejjem dik ta' dinja li lil Ġesu' Kristu tiċħdu jew tipprova timmansah għall-iskopijiet tagħha, ftit li xejn tixbah illum lis-soċjeta' ta' qabilha. Għalhekk aħna l-Kattoliċi rridu nkunu dejjem attenti biex ma nkunux insensibbli għaliha, għall-modiet tagħha u għall-"progress" tagħha. Mhux biżżejjed li nistinkaw biex nilħqu mal-passi tagħha; irridu nitgħallmu nantiċipaw ħsibijietha u għemilha u nsiru tas-sengħa aktar minnha fl-użu ta' l-istrumenti kulturali (u oħrajn) tagħha.

Tabilħaqq dawn l-isfidi umani u soċjali ma jistax jilqagħhom l-arċipriet waħdu. M'hix biżżejjed il-ħidma tiegħu waħdu. Lanqas ta' parroċċa jew djoċesi weħidha. Meħtieġ li kull wieħed u waħda minna jagħti l-parti tiegħu bla ma noqgħodu nistennew lil ħadd. Nagħtu s-sehem tagħna flimkien. U daqskemm nagħtuh flimkien tkun effettiva l-preżenza Nisranija tagħna fis-soċjeta' u tħalli l-frott. Kulħadd: saċerdoti u lajċi, miżżewġin u m'aħniex, b'saħħitna, morda jew b'xi diżabilita', anzjani, adulti, żgħażagħ u tfal.....aħna lkoll imsejħin **illum u issa** biex nagħtu sehemna fit-tisħiħ tal-preżenza ta' Kristu fostna - għax hi **l-unika preżenza** li tfejjaq tassew mill-mard veru ta' l-imgħoddi u tal-preżent, tgħallem mingħajr ebda dell ta' falsita', tqajjem fuq riġlejn b'saħħithom li jaslu kullimkien, timla' b'kuraġġ li ma jibża' minn ebda diffikulta', tnissel il-paċi tal-qalb u tagħmilna verament hienja.

Jien, bħala "ragħaj spiritwali" tal-Komunita' Parrokkjali, se nagħmel ħilti biex naqdi b'mod sħiħ il-ministeru mistenni minni. Dan se nagħmlu f'kollaborazzjoni mill-qalb ma' l-Isqof u ma' ħuti s-saċerdoti, u bil-koperazzjoni u d-disponibilita' tagħkom il-lajċi.

San Ġorġ, li tant iħobbna u li aħna tant inħobbu, irid dan kollu minna. U f'din il-ħidma tagħna bħala Nsara Kattoliċi, hu li sa mill-ewwel żmenijiet tat-tixrid tal-Fidi fostna kien id-Difensur u l-Protettur ewlieni ta' gżiritna, se jkompli jieqaf magħna u jgħinna bl-eżempju u l-interċessjoni tiegħu.

L-Immakulata, Omm Alla u Ommna, ukoll tieqaf magħna u ssostnina b'imħabbitha.

Nieħu din l-okkażjoni biex insellem: **lilkom, il-membri kollha** tal-Komunita' Parrokkjali, **lilkom, il-parruċċani tal-Bażilika urbana** li tiġu mill-qrib u mill-bogħod biex fiha tiċċelebraw il-Fidi tagħkom magħna, **lilkom, ulied il-Komunita' tagħna** li għandkom djarkom barra mill-Parroċċa iżda bqajtu marbutin magħha bir-rabta sħiħa ta' l-imħabba, **lilkom, l-emigranti tagħna** li tinsabu 'l bogħod minna iżda għadkom tgħożżu magħna l-imħabba ta' San Ġorġ li writna f'demmna, u fl-aħħar imma mhux l-inqas, **lilkom, il-ġirien tagħna fil-Belt Victoria** li magħkom nixtiequ ngħixu u naħdmu għall-ġid spiritwali ta' xulxin u għat-tisħiħ tal-preżenza ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu fostna.

*L-Arcipriet*

# AD MULTOS ANNOS

## "IL-BELT VICTORIA" WASALNA FIL-MITT ĦARĠA




**B**il-għajnuna t'Alla u ta' bosta benefatturi wasalna fil-pubblikazzjoni tal-mitt ħarġa ta' din ir-rivista. L-ewwel ħarġa tagħha kienet propju għall-festa ta' San Ġorġ u kienet tkopri x-xhur ta' Lulju-Awissu 1991. Minn dak in-nhar 'l hawn ma tqajniex qalbna u għalkemm kultant b'sagrifiċċji kbar komplejna matul it-triq biex il-parroċċa tagħna jkollha rivista ta' kull xahrejn li mhux biss tgħallem, imma wkoll tkun ta' ħolqa mal-komunita' parrokkjali kif ukoll ma ħutna Ġorġjani li jinsabu jgħixu f'art barranija.

L-ideja li l-Parroċċa tagħna jkollha rivista ta' kull xahrejn nibtet f'Seminar li kien sar fi Frar tal-1981 f'Dar Stella Maris iż-Żebbuġ, Għawdex. F'dan is-Seminar kienu ħadu sehem flimkien ma' Mons Arċipriet Emmanuele Mercieca, is-saċerdoti kollha tal-parroċċa, membri ta' l-għaqdiet reliġjużi u sekulari fil-parroċċa, kif ukoll lajċi mpenjati fil-pastorali. Ma dawn ukoll kien hemm diversi kelliema, fosthom Mons Isqof.

Fl-ewwel ħarġa tar-rivista tagħna l-Bord Editorjali kien ippubblika din in-nota: ***"Il-Bord Editorjali jiddikjara li l-opinjonijiet imxandra f'din ir-rivista ma jirriflettu bl-ebda mod dawk ta' xi korp kostitwit fi ħdan il-parroċċa ta' San Ġorġ. L-Iskop tagħna huwa li noħolqu djalogu bejn il-membri tal-parroċċa u nagħtu tagħlim ta' siwi, għalhekk ma jiġux aċċettati kitbiet ta' xejra politika jew oħrajn li jistgħu jagħtu lok għal xi polemika".***

Fil-fehma tagħna, l-impenn mistqarr mill-Bord Editorjali fl-ewwel ħarġa tar-rivista, nżamm u nżamm bis-serjeta'. Qatt ma tajna ċans li mill-paġni tar-rivista tagħna noħolqu firdiet bla bżonn. Qatt ma tajna ċans li mill-paġni tar-rivista tagħna nxerrdu mibgħeda. Qatt ma tajna ċans li mill-

paġni tar-rivista tagħna nolħolqu xi polemika. Qatt ma kien li r-rivista tagħna kellha kitbiet ta' xejra politika.

Il-Bord Editorjali f'dawn il-mitt ħarġa ta' "Il-Belt Victoria" għamel hiltu biex iwettaq kliem Mons Isqof Nikol Cauchi li fil-messaġġ tiegħu fl-ewwel ħarġa kien qalilna: ***"Din ir-rivista ippubblikata kull xahrejn żgur li tkun ta' siwi jekk tipprova ddawwal il-qarrejja..........u twasslilhom risposta aġġornata u f'waqta għad-dubji u għad-diffikultajiet li jiġuhom in konnessjoni mal-ħajja nisranija tagħhom."***

Matul dawn is-sittax-il sena r-rivista tagħna ppubblikat mijiet ta' artikli ta' tagħlim aġġornat fuq diversi suġġetti. Insemmu per eżempju sensiela ta' artikli ***"IL-FUTUR TA' ULIEDNA....Ħsibijiet sempliċi għal futur aħjar".*** Dawn kienu artikli tal-Kardinal Carlo Maria Martini ta' Milan u ġew maqluba għal Malti biex stajna nippubblikawhom fir-rivista tagħna.

Ta' min isemmi wkoll it-tifkira li saret fir-rivista fl-okkażjoni tal-mitt sena mill-mewt tal-qaddis taż-żgħażagħ San Ġwann Bosco. Matul l-1988 dehru sensiela ta' artikli dwar dan il-qaddis taħt it-titlu: ***DON BOSCO: Il-Qaddis tat-Tbissima.*** Il-parroċċa tagħna sa mill-bidu nett tal-ħolma ta' Dun Pawl Micallef kellha rabtiet speċjali ma l-Oratorju Don Bosco. Mill-parroċċa tagħna ħargu wkoll diversi vokazzjonijiet sależjani. Ir-rivista tagħna kienet ħasbet ukoll biex tfakkar il-viżita tar-Rettur Maġġur tas-Sależjani, Don Egidio Vigano' li fl-okkażjoni taż-żjara tiegħu kixef lapida u bust ta' Don Bosco mal-faċċata tal-bieb taċ-Ċentru Parrokkjali tagħna.

Fl-okkażjoni taż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, ir-rivista tat sehemha b'artikli bi tħejjija għal dan l-avveniment kbir għall-gżejjer tagħna. Dan kien ta' siwi kbir biex il-komunita' parokkjali tithejja spiritwalment għal din iż-żjara storika.

Avveniment kbir ieħor u ta' importanza partikolari għall-parroċċa tagħna kienu l-festi kbar li nżammu fl-1984 biex jitfakkar egħluq il-1700 sena mit-twelid tal-Megalomartri San Ġorġ, Patrun ta' Beltna u ta' Għiritna. Għal dawn il-festi l-parroċċa tagħna kellha x-xorti kbira li tilqa' ir-relikwija insinji ta' San Ġorġ li ngabet mill-Bażilika al Velabro ta' Ruma. Barra l-ħarġa speċjali b'ritratt bkir bil-kulur tat-titular tal-Bażilika tagħna għall-okkażjoni tal-festi li saru f'Lulju 1984, il-ħarġa ta' Jannar-Frar 1985, kienet ukoll ħarġa speċjali li fija ngħata rendikont ta' x'sar matul il-festi ċentinarji ta' Lulju 1984, kif ukoll saret ġabra tad-diskorsi kollha li saru mid-diversi personalitajiet distinti li kellna. Ta' min jinnota li dawk li ħadu sehem f'dawn il-festi u li tagħhom kienu pubblikati diskorsi kienu jinkludu l-Kardinal Corrado Ursi, il-Kardinal Opilio Rossi, Mons Arċisqof Gużeppi Mercieca, Mons Isqof Pawlu Darmanin, l-Abbati Dom Angelo Mifsud, Mons Francesco Canalini, Mons Dante Balboni, kif ukoll Mons Isqof Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata tagħna.

F'Settembru-Ottubru 1991 ir-rivista tagħna kellha suppliment dwar it-tifkira li saret f'ġieħ Mons Giuseppe Farrugia 'Tal-Vers'. Dan is-suppliment kien jikludi fost kollox diskors li kien għamel ir-Rev. Dr. Joseph Farrugia, illum l-Arċipriet ġdid tagħna, fl-okkażjoni tal-ftuħ ta' wirja dwar Mons Giuseppe Farrugia li saret fil-Banca Giuratale. Is-supplment kien jinkludi wkoll tagħrif dwar attivitajiet oħra li saru fosthom il-kxif ta' lapida f'ġieħu fi Pjazza San Ġorġ.

Sehem ieħor li tat ir-rivista tagħna kien li f'kull ħarġa tagħha ngħata spazju lis-Soċjeta' Filarmonika La Stella li magħha l-parroċċa tagħna għandha rabtiet speċjali. Ħadna ħsieb nippubblikaw l-avvenimenti li tkun għaddiet minnhom il-Banda La Stella kif ukoll ir-rappreżentazzjonijiet teatrali u l-opri liriċi li saru fit-Teatru Astra. Dan sar kollu b'apprezzament għall-impenn kbir tas-Soċjeta' La Stella fl-organiżżazzjoni tal-festi esterni li ta' kull sena jsiru ad unur San Ġorġ fil-Belt Victoria.

Ta' min isemmi wkoll li kull tant snin għamilna wkoll "Werrej" miġbur minn Ġwann Azzopardi S.J. li b'tant ħila jkun għoġbu jaghmlilna. Dan il-werrej jgħin lil dawk li jkunu jridu jfittxu xi artiklu speċjali u jkollhom f'idejhom ġabra utli ta' tagħrif dwar dak li jkun ġie pubblikat. Dawk kollha li jkunu żammew il-kopji kollha ta' **IL-BELT VICTORIA** ikun ta' għajnuna għalihom f'tiftix li wieħed ikun jrid jagħmel.

Sa mill-ewwel ħarġa tar-rivista tagħna kien hemm l-impenn li mhux biss jinħoloq mezz ta' tagħlim għall-komunita' parrokkjali tagħna, imma wkoll li nżommu kuntant ma' l-emigranti tagħna fil-Kanada, fl-Istati Uniti, fl-Ingilterra, fl-Awstralja u f'postijiet oħra. Malli l-ħarġa tar-rivista tkun lesta nieħdu ħsieb nibgħatu bl-ajru, bi spiża mhux ħażin, kopja lil dawk kollha li jkunu għaddewlna l-indirizz tagħhom fil-pajjiż li qed jgħixu. Mill-kummenti li nirċievu jidher ċar li l-iskop li nżommu kuntatt ma' ħutna emigranti qed jintlaħaq. Ta' min ukoll hawn jirringrazzja lill-emigranti kollha li matul dawn is-snin bagħtu kontribuzzjoni biex jgħinu fil-publikazzjoni tar-rivista tagħna li sa mill-bidu nett dejjem tqassmet u ngħatat b'xejn lil kull min jitlobilna.

Fl-aħħar u mhux l-inqas hemm l-istamprija fejn, sa mill-ewwel ħarġa, bdejna nistampaw din ir-rivista - A & M Printing tal-Qala. Nistgħu ngħidu li bil-għajnuna tagħhom il-livell ta' preżentazzjoni dejjem baqa' jogħla u għalkemm ġie li aħna konna nkunu xi ftit tard li nieħdu l-materjal, dejjem qdewna u waslulna r-rivista fil-mument li nkunu neħtieġuha. Ta' dan nirringrazzjawhom minn qalbna u nittamaw li l-koperazzjoni li sibna tibqa' għas-snin li ġejjin.

Meta tħares lura u tieħu f'idejk il-pubblikazzjonijiet kollha ta' din ir-rivista thoss ċertu sodisfazzjon. Mitt ħarġa għal rivista bħal tagħna huma ta' unur għal dawk kollha li taw sehemhom biex setgħu jitwettqu. Insemmu fost l-oħrajn id-distributuri tal-Bulettin li dejjem qdew dmirhom fit-tqassim tar-rivista fil-familji tal-parroċċa tagħna. Għalhekk il-Bord Editorjali jixtieq jrodd ħajr lil dawk kollha li matul dawn is-sittax-il sena taw l-għajnuna tagħhom biex **"IL-BELT VICTORIA"** tibqa' tiġi pubblikata u tilħaq l-għanijiet li għalihom ġiet imwaqqfa. ■



# ITTRA MIFTUĦA TA' ŻGĦAŻUGĦ LILL-ĠENITURI TIEGĦU

Għeżież mama' u papa',

Qed ngħix perjodu partikolarment konfuż, b'tibdiliet li fil-parti kbira tagħhom huma tipiċi ta' l-eta' li għandi. Jekk intom tisfurzaw li tifhmuni u li tittrattawmi b'mod differenti, taraw li jirnexxielna naqblu flimkien u ngħelbu din il-fazi ta' ħajti mingħajr ħafna problemi.

Qed ninbidel! M'hinix iktar '*tifel*' imma ġuvni. Ma tistgħux tkomplu tikkontrollawni bħal meta kont żgħir. Ippruvaw trattawni bħalma tittrattaw lill-ħbieb tagħkom kbar. Ftakru li nitgħallem iktar minn eżempju tajjeb milli mill-kritika jew xi ċanfira.

l-oppożizzjoni, ir-reżistenza, ir-ras iebsa, ir-ribeljoni u x-xewqa li nkun indipendenti huma affarijiet tipiċi li jkollu kull żgħażugħ. Tirrabjawx jekk ma naqbilx magħkom, jew jekk nibda nuri ġibdiet, interessi u opinjonijiet differenti minn tagħkom. F'kull każ ftakru li għandi bżonnkom l-iktar f'dan iż-żmien.

Ippruvaw aħarbu ġlied dirett miegħi. Il-forza tagħmel kemm lir-rebbieħa u kemm lit-telliefa. Qabel, meta kont zgħir, kontu tirbħu dejjem intom, imma issa mhux ser tiġri l-istess ħaġa. Ippruvaw għamlu b'ċerta preċiżjoni regolamenti bil-konsegwenzi tagħhom, għal kif inġib ruħi jien u applikawhom dejjem u f'kull ħin b'mod oġġettiv. Ippruvaw sibu l-kompromess, u b'dan il-mod inkunu aħna t-tnejn li nkunu rebbieħa. Tobbligawni qatt bil-forza biex nagħmel dak li tridu intom. B'dan il-mod mhux biss iġġagħluni nkun aggressiv u bla raġuni, imma l-unika ħaġa li tkunu għallimtuni tkun li bil-forza biss tieħu dak li trid. Tagħmluni wkoll inkun iktar ribell u ta' ras iebsa. Jekk tagħmlu hekk tkunu qed iġġagħluni li nagħmel eżattament il-kontra ta' dak li tkunu tlabtuni nagħmel.



Evitaw kemm tistgħu li tgħiduli dejjem l-istess kliem; li tagħmluli dejjem l-istess mistoqsijiet u li dejjem tgergru. Jekk tkomplu tagħmlu hekk jien nibda nilgħab il-parti ta' trux. M'għadx għandna ċans nitkellmu għax jien dejjem iħabbat ma' ħbiebi, jew nitkellem fuq it-telefon jew magħluq f'kamarti. Il-kliem li tgħiduli jkun dejjem dwar fejn ma rnexxejtx, dwar l-iżbalji li nagħmel, dwar li għandi jew m'għandix nagħmel u affarijiet oħra dejjem negattivi. Ma tagħmlux ħlief tippriedkaw minn fil-għodu sa fil-għaxija biex tippruvaw turuni jew tikkonviċuni dwar xi ħaġa - il-valuri tal-ħajja; kemm hu importanti tkun responsabbli, eċċ. Għaliex kultant ma nitkellmux biex inkunu tkellimna. Għaliex ma tkellmunix dwar dak li qed nirnexxi fih, dwar l-interessi tiegħi jew dwar l-affarijiet li jogħoġbuni??.

Hemm bżonn ikollkom ftit tal-paċenzja. Ninsab konvint li naf kollox; li jien xi ġenju; li naf dak kollu li hemm x'wieħed ikun jaf. L-uniku nies li jafu daqsi huma ħbiebi. Minn hawn u ftit ieħor inkun naf x'tgħallimt mingħandkom f'dan iż-żmien u kemm ikun għad baqa' x'nitgħallem.

Ħafna drabi nħossni mħawwad x'għandu jingħata prijorita'. Il-fatt hu li għall-ħbiebi, għat-tfajliet li naf, titkellem fuq it-telefon, toħroġ u tiddeverti u affarijiet bħal dawn huma iktar importanti minn kif tagħmel il-homework jew nħalli l-kamra tiegħi pulita. Dan mhux biex inkun għażżien, imma għax għandi affarijiet iktar importanti x'nagħmel. Nippreferi noqgħod ma' ħbiebi milli magħkom jew mal-familja. Tirrabjaw jekk ma naċċettax noħroġ magħkom jew li niġi magħkom għand in-nanniet jew biex ngħaddi xi ħin magħkom!

Kull tant anke affarijiet żgħar li tagħmluli jirrabjawni. Anke mistoqsija banali bħal 'Kif mort illum?' tista' tqanqalni biex nagħti risposta li tweġġa'. Jista' ikun li nkun rrabjat għal ħaġa oħra u ninfexx nirrabja magħkom. Kultant inkun irrabjat anke miegħi nnifsi, għax ninduna li qed inkun inġust magħkom. Għandi nkun pjuttost ġentili magħkom, imma ma jirnexxilix. Ma nixtieqx li tħabblu raskom b'dan. Nixtieq infendi għal rasi.

Kultant naħseb li intom bdejtu tinsew. Forsi nsejtu ż-żmien meta kontu żgħażagħ bħali jew inkella nsejtu li l-istess priedka tkunu għamiltuha l-ġurnata ta' qabel. Kultant tinsew li tkunu ġa għidtuli nirranġa kamarti jew li għal iktar minn għoxrin darba tkunu staqsejtuni jekk għamiltx ix-xogħol ta' l-iskola. Insejtu kif issajru jew li tmorru tagħmlu x-xirja? Donnu m'hemm xejn tajjeb għall-ikel fid-dar tagħna u għalhekk nippreferi niekol ic-*chips* minn fil-għodu sa fil-għaxija. (Dan jgħaddili! Kull darba li nkun il-bogħod dejjem niftakar kemm taf issajjar il-mama'!)

Għalkemm nixtieq li nkun trattat bħal wieħed kbir, naf li kultant inġib ruħi ta' tifel żgħir. Minflok ma toqgħodu tgħiduli l-ħin kollu, għiduli eżattament x'irrid nagħmel jew x'mgħandix nagħmel biex nakkwista il-privileġġi, ir-responsabilta' u l-liberta tal-kbar. Għandkom bżonn tifhmuni iktar, tinkuraġġuni iktar u tagħtuni attenzjoni iktar. Jien. b'dan il-mod inkun nista' inserraħ rasi fuqkom.

***Bruno Ferrero - Bolettino Salesiano - Lulju/Awissu 1997***

# Rokna għat-Tfal



Għeżież Tfal,

Din il-ħarġa tar-rivista tagħna hija importanti ħafna din id-darba. Din il-ħarġa hija mil-mitt ħarġa mindu bdiet toħroġ u fiha wkoll qed nsibu messaġġ mill-Arċipriet il-ġdid tagħna, Dun Ġużepp Farrugia.

Meta bdejna noħorġu din ir-rivista sittax-il sena ilu, ħafna minnkom kienu għadhom lanqas biss twieldu. Kull darba li ħarġet kellna messaġġ żgħir għalikom, għax għall-komunita' parrokkjali tagħha intom importanti wkoll. Għada pitgħada tkunu intom li tiffurmaw familji ġodda. Tkunu intom il-mexxejja. Tkunu intom li tgħinu fil-ħidma tagħna. Għalhekk tajjeb li dan iż-żmien tat-tfulija tagħkom tgħadduh fil-ferħ u fil-preparazzjoni għall-ħajja li għad għandkom quddiemkom. San Ġorġ, il-patrun tagħna, meta kien għadu tfajjel hekk għamel. Tgħallem mingħand il-ġenituri tiegħu biex meta ġie l-waqt tal-prova ma qagħadx jaħsibha, imma kien lest li jxerred demmu għall-fidi tiegħu.

Bit-tagħlim li intom u l-ġenituri tagħkom isibu f'din ir-rivista tkunu tistgħu tippreparaw ruħkom għal ħajja. Naf żgur li matul mitt ħarġa kien hemm ħafna tagħlimiet sbieħ u ħafna minnkom swewlhom biex iffurmaw karattru veru nisrani. Ibqgħu aqrawh dan il-ħsieb li jkollkom f'kull ħarġa. B'hekk tkunu titgħallmu u tissaħħu fil-fidi tagħkom. Il-perikli huma kbar u kif jgħid il-Malti: Bniedem avżat, nofsu armat.

Imma din il-ħarġa hija wkoll importanti għalikom għax qed inwasslu l-ewwel messaġġ ta' l-Arċipriet ġdid tal-Parroċċa tagħna, Dun Ġużepp Farrugia. Forsi għalikom bidla ma tfisser xejn. Pero' jiena żgur li intom ukoll ser titolbu għall-Arċipriet il-ġdid speċjalment fil-laqgħa li ser ikun hemm apposta għalikom nhar **il-Ħamis 12 ta' Frar 1998 fl-4.30pm.** Qis li narakom hemm, ħalli flimkien nitolbu biex Dun Ġużepp jagħraf imexxi l-parroċċa tagħna sewwa u kif għandu jkun. Wara tkunu tistgħu tiltaqgħu ma' l-Arċipriet il-ġdid waqt party li ser isir għalikom fiċ-Ċentru Parrokkjali.

Naturalment irrid narakom ukoll il-Ħadd fil-għodu, 15 ta' Frar fl-10.00am fil-pjazza ta' San Ġorġ biex nilqgħu lill-Arċipriet il-ġdid u nifirħu miegħu fil-ġurnata li fiha ser jibda l-missjoni tiegħu. Tinsewx dawn iż-żewġ dati li tajtkom.

*Iz-Ziju Peppi*

# Ħsibijiet qosra...

❑ Bosta ġenituri lill-klieb li jkollhom, jorbtuhom; lil uliedhom jerħulhom.

❑ **X'hemm warajna u x'hemm quddiemna qajla jimporta ħdejn dak li hemm ġo fina.**

❑ *Importanti li jkollok mira tajba fil-ħajja; u daqshekk ieħor huwa importanti li tkun taf meta għandek tiġbek il-grillu.*

❑ Min iżomm il-ponn magħqud ma jistax jieħu b'idejn ħaddieħor.

❑ **Ħwejjeġ meħjutin u lesti ssib tixtri minn x'imkien, imma karattru mibni u lest minn imkien ma tixtrih.**

❑ *Fanfarun u giddieb jiġu primi kuġini.*

❑ Illum kun ħanin kemm jista' jkun għax għada forsi ma tkuns għadek hawn.

❑ **Ħaġa waħda tista' tagħti u żżomnha: Kelmtek**

❑ *Kieku kellhom jarrestawk, mixli li int Nisrani, taħseb li jsibu xhieda biżżejjed fuqhiex jakkużawk?*


**Pellegrinaġġ ieħor għal**

**LOURDES**

**IL-BELT TAL-MADONNA**

**Mit-Tnejn 27 ta' Lulju sas-Sibt l-1 ta' Awissu 1998**

***Baqa' ftit postijiet biss***

*Imexxi dan il-Pellegrinaġġ*

**Mons Salv Borg,**

*Arċipriet Emeritus*



# PROGRAMM TAL-PUSSESS TA' L-ARCIPRIET IL-GDID TAL-PARROCCA TA' SAN GORG MARTRI FIL- BELT VICTORIA IL-WISQ REV. MONSINJUR GUZEPPI FARRUGIA

*8 - 15 ta' Frar 1998*

**Il-Ħadd 8 ta' Frar 1998**
**KOMUNITA' LI TISMA'**

***9.00am:*** Konċelebrazjoni Solenni mill-Kapitlu u Presbyterium preseduta mir-Rev.mu Mons Salv Borg, Arċipriet Emeritus

***5.30pm:*** Kunċert Sinfoniku mill-Banda Ċittadina *La Stella* fi Pjazza San Ġorġ f'ġieħ l-Arċipriet il-ġdid.

**It-Tnejn 9 ta' Frar 1998**
**KOMUNITA' LI TAQDI**

Matul il-ġurnata tal-lum, kif ukoll matul din il-ġimgħa, għadd ta' saċerdoti u lajċi jagħmlu żjajjar lill-morda u lill-anzjani.

***3.30pm:*** Konċelebrazzjoni għall-Anzjani u dawk li ħtiġijiet speċjali preseduta mill-Arcipriet Mons Ġużeppi Farrugia li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Morda.

**It-Tlieta 10 ta' Frar 1998**
**KOMUNITA' LI TGĦIX**

***6.30pm:*** Ċelebrazzjoni tal-Familja. L-Arċipriet Mons Ġużeppi Farrugia jippresiedi Konċelebrazzjoni Solenni tat-Tifkira tal-Miġja ta' San Pawl f'Malta.

L-animazzjoni waqt din iċ-ċelebrazzjoni ssir mill-Grupp tat-Tfal li jattendu ċ-Ċentru Parrokkjali taħt it-tmexxija ta' Miss Pauline Grech.

**L-Erbgħa 11 ta' Frar 1998**
**KOMUNITA' LI XXANDAR**

***6.00pm:*** Konċelebrazzjoni preseduta mill-Arcipriet Mons Ġużeppi Farrugia li fiha l-Għaqdiet Kattoliċi, il-Movimenti Ekkleżjali u Gruppi Spiritwali oħra fil-Parroċċa jġeddu l-impenn tagħhom fi ħdan il-Komunita' Nisranija skond il-karizma tagħhom u l-Katekisti tal-Parroċċa jirċievu l-mandat tal-ministeru tagħhom.

**Il-Ħamis 12 ta' Frar 1998**
**KOMUNITA' LIL TITLOB**

Bejn id-***9.00am*** u l-***4.00pm***: Quddiesa kull siegħa u wara kull quddiesa nofs siegħa ta' Adorazzjoni.

***4.30pm:*** Nofs siegħa Adorazzjoni għat-Tfal tal-Parroċċa li jiffrekwentaw iċ-Ċentri tad-Duttrina

***5.00pm:*** L-Arċipriet il-Ġdid jippresiedi quddiesa għalihom.

***6.00pm:***Nofs Siegħa Adorazzjoni organizzata mill-Fratellanza tal-Kurċifiss

***6.30pm:*** Quddiesa mill-Kan Nikol Vella Apap Assistent Spiritwali tal-Fratellanza tal-Kurċifiss.

**Il-Ġimgħa 13 ta' Frar 1998**
**KOMUNITA' LI TIKBER**

***6.30pm:*** Ċelebrazzjoni ta' Ħajja u Ferħ miż-Żgħażagħ tal-Komunita' Parrokkjali. F'ċelebrazzjoni tal-qari tal-Kelma t'Alla, kant, mima u talb, iż-żgħażagħ iġeddu l-impenn tagħhom f'Komunita' Nisranija li għandha bżonn il-ħidma u x-xiehda tagħhom.

**Is-Sibt 14 ta' Frar 1998**
**KOMUNITA' LI TIĊĊELEBRA**

***7.00pm:*** Akkademja Mużiko-Letterarja, taħt il-patroċinju ta' L-E.T. Mons Nikol G. Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan, f'ġieħ l-Arċipriet il-Ġdid, ir-Rev.mu Mons. Guzeppi Farrugia S.Th.L. (Dogma), S.Th.D (PUG) bis-sehem tal-*Chorus Urbanus* u ta' kelliema distinti.

Direzzjoni Mużikali: Mro. John Galea B.Mus.(Hons) (Duneim), L.R.S.M., F.T.C.L.

**Il-Ħadd 15 ta' Frar 1998**
**JUM IL-PUSSESS**

***9.15am:*** Korteo mid-dar ta' l-Arċipriet fi Triq Vajringa, għal Triq Palma u lejn Triq ir-Repubblika.

9.30am: Il-Banda Ċittadina *La Stella* tilqa' lill-Arċipriet il-Ġdid fi Triq ir-Repubblika u twasslu sal-Knisja Proto-Parrokkjali u Arci-Matriċi, Bażilika u Kolleġġjata Lateranensi ta' San Ġorġ fil-qalba tal-Belt Victoria.

***10.00am:*** Wasla tal-Korteo fi Pjazza San Ġorġ. Il-*Victoria Scout Group* iwassal lill-Arċipriet sa quddiem il-Bażilika fejn jiġi milqugħ mill-Kapitlu u l-Kleru. Mons Isqof jistiednu jiftaħ il-bieb tal-Bażilika u jakkumpanjah fil-Bażilika.

Diskors ta' Merħba mis-Sur Joseph Borg, f'isem il-Komunita' Nisranija ta' San Ġorġ.

***10.30am:*** KONĊELEBRAZZJONI PONTIFIKALI bir-Rit Tal-Pussess preseduta minn Mons Isqof Nikol Cauchi flimkien mal-Kapitlu u Presbyterium tal-Bażilika u Membri oħra tal-Kleru Reliġjuż u Sekulari.

Il-Kant ta' waqt din il-liturġija solenni se jsir mill-Kor Laudate Pueri taħt id-direzzjoni ta' Dun George J. Frendo. Teġi esegwita l-*Missa Papae Marcelli* ta. P.L. da Palestrina.

***7.00pm.:*** KUNĊERT SINFONIKU mill-Orkestra Nazzjonali taħt il-Patroċinju ta' l-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Lateranensi, bis-sehem tas-solisti ta' fama internazzjonali l-vjolinista Prof. Marcello Canci u l-vjolinista Prof. Daniele Grasso tal-*Conservatorio di San Cecilia* f'Ruma.

***Dan il-Kunċert Sinfoniku jġib fit-tmiemhom iċ-Ċelebrazzjonijiet ta' Fidi, Liturġija u Kultura fl-okkażjoni tal-ħatra tar-Rev.mu Mons. Ġużeppi Farrugia bħala Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria.***

A+M PRINTING · 553217